



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Novembru 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0249(NLE)

13944/19
ADD 1 REV 1

AVIATION 222
RELEX 1021

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17) tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-"Konvenzjoni ta' Chicago")

Hemża mad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq.

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17) tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-"Konvenzjoni ta' Chicago"))

Prinċipji ġenerali

Fi ħdan il-qafas tal-attivitajiet tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17) għall-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-iżvilupp ta' Standards u Prattiki Rakkomandati (SARPs), l-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interessi tal-Unjoni, għandhom:

- (a) jaġixxu f'konformità mal-oġettivi segwiti mill-Unjoni fil-qafas tal-politika tas-sigurtà tal-avjazzjoni, b'mod partikolari sabiex jipproteġu l-persuni u l-merkanzija fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u jipprevjenu atti ta' interferenza illegali mal-inġenji tal-ajru ċivili li jipperikolaw is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.
- (b) billi japplikaw u jinfurzaw ir-regoli komuni stabbiliti biex jissalvagwardjaw l-avjazzjoni ċivili minn atti ta' interferenza illegali, jikkontribwixxu biex iżidu l-livell tas-sigurtà tal-avjazzjoni globalment.
- (c) ikomplu jappoġġaw l-iżvilupp mill-ICAO ta' standards ta' sigurtà li jissalvagwardjaw l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali, f'konformità mar-Risoluzzjoni 2309 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tat-22 ta' Settembru 2016¹.

Il-pożizzjoni dwar ir-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17) L-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interessi tal-Unjoni, għandhom jappoġġaw l-Emenda 17 proposta għall-Anness 17.

¹ Ir-Risoluzzjoni 2309 (2016), adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà fis-7775¹ laqgħa tiegħu, fit-22 ta' Settembru 2016: Theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali kkawżat minn atti terroristiċi: Sigurtà tal-avjazzjoni